# Żjara ta' ġurnata f'Għawdex

## Attività oħra tal-Adult Activity Group ta' BirdLife Malta tgħaqqad il-mixjiet fin-natura ma' żjarat f'siti storiċi

Il-grupp tal-attivitajiet għall-adulti ta' BirdLife Malta kompla bl-attivitajiet tiegħu bi żjara ta' ġurnata f'Għawdex.

Iż-żjara bdiet b'mixja ta' 5km tul il-kosta tal-Lbiċ ta' Għawdex mill-Port tal-Imġarr lejn ix-Xatt l-Aħmar u mbagħad fid-direzzjoni ta' Mġarr ix-Xini. Hawnhekk il-parteċipanti kellhom l-opportunità jżuru t-torri – li llum ġie rrestawrat kompletament – mibni fl-1661 biex iservi bħala fortifikazzjoni ta' difiża għall-gżira. Rappreżentant ta' Wirt Għawdex, l-NGO responsabbli għat-tmexxija tat-torri, kien preżenti biex jagħti spjegazzjoni lil dawk li ħadu sehem f'din l-attività.

Matul il-mixja ġew osservati għadd ta' għasafar differenti. Dawn kienu jinkludu Spanjulett, numru mdaqqas ta' Merilli, Gawwi Prim, Bufula Ħamra, familja tal-Bufula Sewda, Ħuttaf, Agretti Bojod u ħafna Bliebel.

Il-mixja kompliet tul il-kosta u ġiet fi tmiemha fix-Xewkija.

Wara ikla appetituża, waranofsinhar il-membri ta' BirdLife Malta kellhom żjara interessanti fit-Tempji famużi tal-Ġgantija fix-Xagħra, li jmorru lura għas-sena 3,200 QK u llum huma klassifikati bħala sit ta' patrimonju dinji mill-UNESCO. Il-parteċipanti żaru ċ-Ċentru tal-Interpretazzjoni l-ġdid akkumpanjati minn gwida ta' Heritage Malta u ngħataw informazzjoni dettaljata dwar id-diversi aspetti tal-ħajja fiż-żminijiet Neolitiċi.

Kollox ma' kollox, kienet attività oħra interessanti li laqqgħet il-mixjiet fin-natura ma' żjarat f'siti storiċi, u li dawk li ħadu sehem fiha esprimew is-sodisfazzjon tagħhom għall-mod kif kienet organizzata.

Dettalji aġġornati kontinwament dwar l-attivitajiet li torganizza BirdLife Malta jistgħu jinkisbu minn fuq is-sit elettroniku tagħna fl-indirizz: http://birdlifemalta.org/events. Membri ta' BirdLife Malta jingħataw prijorità għal dawn l-attivitajiet. Dawk li jixtiequ jsiru membri jistgħu jagħmlu dan billi jżuru l-paġna http://birdlifemalta.org/become-member.

**TMIEM**



**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratt mehmuż:**

1. Membri ta' BirdLife Malta u l-familji tagħhom fix-Xatt l-Aħmar, waqt id-*Day Trip* f'Għawdex (Ritratt ta' BirdLife Malta)

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna